MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2007

Numru. 808/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Gregory)**

**vs**

**Paul Inguanez**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Paul Inguanez ta’ 20 sena mwieled Pieta nhar il-11 ta’ Dicembru 1981 bin Francis u Tereza nee’ Camilleri, residenti St. Francis, Triq Guzeppi Galea, Mtarfa detentur tal-Karta ta’ L-identita numru 18382M gie akkuzat talli:

F’dawn il-gzejjer nhar l-1 ta’ Settembtu 2002 ghall-habta tal-11.30pm gewwa il-post maghruf Bamboo Bar, Triq Dragonara San Giljan ikkaguna griehi gravi fuq il-persuna ta’ Paul Abela minn Dingli kif iccertifika Dr. Allan. Drago MD Ta’ l-Isptar San Luqa tal-Pieta, u dan, ai terminu tal-artikolu 218, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi hebb ghall-istess Paul Abela minn Dingli sabiex jingurja, idejjaq jew jghamlilha hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi gewwa San Giljan, ghedded bil-gebel jew hwejjeg, ohra iebsin, jew waddabhom, jew qabad, jew qabad armi kontra n-nies u dan ai teminu tal-artikolu 339(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gewwa San Giljan volontarajament kiser il-bon -ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-tnejn u ghoxrin ta’ Dicembru, 2004 u nnutat li l-akkuzat iddikjara li m’ghandux oggezzjoni li l-kawza tieghu tinstema’ u tigi deciza minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Fl-ewwel lok tirrileva li din il-kawza kienet precedentement qeghda tinstema’ mill-Magistrat illum Magistrat Irtirat Dr. Joseph Cassar LL.D. u li din il-kawza giet assenjata din is-sena quddiem din il-Qorti kif presjeduta.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu, rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li skond verifiki li ghamel hu personalment jirrizulta li l-fedina penali tal-imputat hija wahda netta.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 214, 218, 339(1)(d), 339(1)(b) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Paul Inguanez, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li skond verifiki li ghamel hu personalment jirrizulta li l-fedina tal-imputat hija wahda netta u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Paul Inguanez ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Paul Inguanez jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Paul Inguanez b'obbligazzjoni personali ta' Lm100 li jzomm il-kwiet ma' Paul Abela u li jzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Paul Inguanez l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------